**386. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu, l-Onor. Ian Borg, jipproponi li:**

Din il-Kamra:

TINNOTA li fl-aħħar snin, l-informatika, id-dinja diġitali u l-intelliġenza artifiċjali ħallew impatt fuq prattikament kull sfera tas-soċjetà, liema effetti ħa jibqgħu jevolvu fis-snin li ġejjin.

TAGĦRAF li l-Kamra tar-Rappreżentanti għandha jkollha interess dirett f'dan is-settur u s-setgħat li titfa' iżjed attenzjoni u skrutinju fuq l-aħħar żviluppi li apparti l-effetti fuq il-ħajja ta' kuljum jistgħu jimpattaw anke l-leġiżlazzjoni li għandha tkun dejjem tirrifletti r-realtajiet tal-ġurnata.

TIPPROPONI li jitwaqqaf Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali, bil-għan li fost affarijiet oħra:

(a) Jiddiskuti r-riperkussjonijiet tal-aħħar żviluppi fid-dinja diġitali;

(b) Jagħmel skrutinju ta' rapporti ppubblikati lokalment, mill-Istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll minn organizzazzjonijiet internazzjonali, kif ukoll ta' rapporti oħra li jistgħu jiġu riferuti lilu mill-Kamra jew minn xi Kumitat Permanenti ieħor;

(c) Jitlob biex persuni jidhru quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħmlu espożizzjoni jew jagħtu rendikont tal-ħidma u tar-responsabbiltajiet tagħhom fl-oqsma li jaqgħu taħt dan l-istess Kumitat.

GĦALDAQSTANT din il-Kamra tirriżolvi li:

A. It-test Malti tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Ordni Permanenti 120A, minnufih wara l-paragrafu (x) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(xi) il-Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali.".

2. Minnufih wara l-Ordni Permanenti Numru 120L għandu jidħol l-Ordni Permanenti ġdid li ġej:

"Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali.

120M. (1) Il-Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali jkollu s-setgħa li:

(a) fuq inizjattiva tiegħu stess, jiddiskuti u jitratta kull kwistjoni fil-qasam diġitali fl-intier tiegħu li jistgħu jkollhom impatt fuq kwalunkwe sfera tas-soċjetà u jirrapporta fuqhom lill-Kamra;

(b) jifli kull rapport, pjan strateġiku, pjan ta' ħidma kif ukoll policy riferuti lilu mill-Kamra, mill-Ministru jew minn xi Kumitat Permanenti ieħor.

(2) Il-Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali għandu jkun magħmul minn mhux iktar minn seba' membri li minnhom erbgħa jikkostitwixxu *quorum*. Il-membri għandhom jintgħażlu b'dak il-mod li jkunu ġustament jirrappreżentaw lill-Kamra b'mod ġenerali, u proporzjonali skont l-għadd ta' Membri tal-Gvern u tal-Oppożizzjoni b'mod partikolari.

(3) Wieħed minn dawk il-Membri nominati mill-Gvern għandu jinħatar bħala President tal-Kumitat.

(4) Il-provvedimenti ta' paragrafi (3) u (4) ta' Ordni Permanenti 120B għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-Kumitat Permanenti għall-Informatika, Teknoloġija u Intelliġenza Artifiċjali.".

B. It-test Ingliż tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Fl-Ordni Permanenti 120A, minnufih wara l-paragrafu (x) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(xi) the Standing Committee on Information Technology and Artificial Intelligence Affairs.".

2. Minnufih wara l-Ordni Permanenti Numru 120L għandu jidħol l-Ordni Permanenti ġdid li ġej:

"The Standing Committee on Information Technology and Artificial Intelligence Affairs.

120M. (1) The Standing Committee on Information Technology and Artificial Intelligence Affairs shall:

(a) on its own initiative, consider any issue in the digital field that has an impact on any sphere of society and report thereon to the House;

(b) examine any report, strategic plan, work plan or policy referred to it by the House, by a Minister or by any other Standing Committee.

(2) The Standing Committee on Information Technology and Artificial Intelligence Affairs shall be constituted of not more than seven members, where four members shall constitute a *quorum*. The Members should be chosen in such manner as appears practicable to the House as fairly to represent the House in general, and the proportion of Government and Opposition members in the House in particular.

(3) One of the Members nominated by the Government shall be appointed as Chairman of the Committee.

(4) The provisions of paragraphs (3) and (4) of Standing Order 120B shall *mutatis mutandis* apply to the Standing Committee on Information Technology and Artificial Intelligence Affairs.”.

**08.07.2025**